PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Kawża M.11185 — PERMIRA / GRUPPO FLORENCE)

Każ kandidat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 255/06)

1. Fil-11 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Permira Holdings Limited ("Permira", Guernsey),

— Gruppo Florence S.p.A. ("Gruppo Florence", l-Italja), ikkontrollat minn Florence InvestCo S.r.l.

Permira se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Gruppo Florence kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Permira: tiġġestixxi fondi ta' ekwità privata, li jinkludu kumpaniji tal-portafoll attivi fis-setturi tal-konsumatur, tas-servizzi, tal-kura tas-saħħa u tat-teknoloġija. Permira tikkontrolla, fost l-oħrajn, il-kumpaniji: (i) Golden Goose S.p.A, attiva fil-bejgħ bl-imnut ta' żraben lussużi, ħwejjeġ u aċċessorji tal-ġilda; u (ii) Italian Fashion Team S.r.l. attiva fil-manifattura ta' lbies lussuż, xedd is-saqajn u oġġetti tal-ġilda,

— Gruppo Florence: hija attiva fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' lbies ta' livell għoli, xedd is-saqajn u oġġetti tal-ġilda għal marki lussużi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jkun innotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11185 — PERMIRA / GRUPPO FLORENCE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË